## Rev. Dr. Raymond Portelli MD

Fr. Raymond Portelli huwa qassis, tabib misjunarju min-Nadur, Għawdex u li bħalissa qed jaħdem fil-parrocca ta' San Martin de Porres, ġewwa Iquitos fil-Peru. Huwa twieled fil-21 ta' Ottubru 1967 fin-Nadur, minn Pawlu u Anġela nee' Xuereb. Ġie mgħammed mill-Arcipriet Mikiel Portelli fil-Bazilika Kolleġjata ta' San Pietru u San Pawl nhar 22 ta' Ottubru 1967.

Attenda ftit xhur mill-ewwel sena tal-iskola primarja fin-Nadur. Kompla l-edukazzjoni primarja kollha f'Saint Bernard ġewwa New York, fejn kienu jgħixu l-ġenituri tiegħu.

Raymond għamel l-Ewwel Tqarbina fil-parrocca tan-Nadur minn idejn l-arcipriet Mons Mikiel Portelli fis-sena 1976. Fl-eta ta' 11-il sena Raymond reġa irritorna lejn raħal twelidu biex ikompli l-edukazzjoni sekondarja f'Għawdex. Attenda l-ewwel sena sekondarja fil-Liceo r-Rabat filwaqt li mit-tieni sena sal-ħames sena attenda fis-seminarju minuri tal-Qalb ta' Ġesu, fir-Rabat. Raymond ħa l-Griżma ta l-isqof nhar l-Imnarja tas-sena 1982 minn idejn l-isqof Nikol Cauchi u bħala parrinu kellu lil ħuh Dun Karm. Matul dan iż-żmien Raymond kien abbati tal-kolleġjata tan-Nadur u kien jattendi ta kuljum il-Museum. Hemmhekk huwa ħa ħafna mill-formazzjoni tiegħu.

Kompla l-post sekondarja fl-iskola Ninu Cremona fejn spicca b'success l-eżamijiet sabiex ikun jista' jidħol fil-kors tal-medicina fl-Universita ta' Malta. Dik is-sena huwa għamel esperjenza missjunarja mal-Grupp Missjunarju Għawdxi fil-Brażil u dan flimkien u taħt id-direzzjoni tal-konfessur u direttur spiritwali tiegħu Dun Mikiel Attard. Meta ġie lura

huwa iddecida li jkompli għal sacerdot. L-istudji sacerdotali tiegħu komplihom fis-seminarju maġġuri tal-Qalb ta Ġesu taħt il-gwida tar-retturi Fr Charles Caruana u  Fr. Arthur Vella. Dan ta l-aħħar ħadem bierx joħloq spirtu missjunarju fost is-seminaristi.  Kien għalhekk li matul is-sebgħa snin ta' studju fis-seminarju, Raymond għamel diversi esperjenzi fil-missjoni. Fost l-esperjenzi kien hemm l-Eġittu fil-villaġġ taż-żibel, l-Albanija mas-sorijiet ta' Mother Teresa u l-Peru fejn hawn  huwa għamel is-sena intermedjarja. Matul din is-sena Raymonda ħadem mas-socjeta missjunarja ta San Pawl fiż-żona muntanjuża tal-Peru. Ħadem ħafna fir-raħal ta Chiquibamba u Salamanca li jinsab qalb il-muntanji tal-Andes u li dak inhar kont tista tasal għalih permezz ta żiemel.

Raymond ġie ordnat sacerdot nhar is-Sibt, 24 ta' Ġunju 1994 fil-Katidral ta' Għawdex mill-isqof Nikol Cauchi.  Għamel l-ewwel Prima Messa nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju fil-Bażilika, Kolleġiata tan-Nadur, il-knisja li tant kienet u għadha għal qalbu.

Xahrejn wara l-prima messa Fr. Raymond wettaq il-ħolma ta' żogħżitu billi mar jaħdem fil-missjoni ġewwa il-Peru. Huwa għamel l-ewwel sena missjunarja fil-belt kapitali ta' Lima fiz-zona ta' El Salvador- zona fqira ħafna. Wara ntalab mil-isqof tal-post sabiex imur jaħdem fl-Amazon f'Iquitos fejn ilu issa hemm għal dan l-aħħar 15 il-sena. Jaħdem fil-parrocca ta' San Martin de Porres li għandha madwar 17,000 ruħ. Għandu ukoll f'idejh numru ta' rħula mifruxa matul ix-xmara Nanai.

Matul dan il-perjodu, Fr.Raymond talab lil isqof Nikol Cauchi jista'x jibda l-kors tal-medicina. Matul ix-xogħol tiegħu ta qassis Fr Raymond beda jiltaqa ma sitwazzjonijiet fejn mionħabba il-faqar tal-familja persuni morda ma kienux jingħataw il-kura meħtieġa u għalhekk kienu jibqgħu morda.

Meta kien imur iżur l-irħula matul ix-xmara kien jiltaqa ma ħafna miżerja u ir-raġuni kient tkun li dawn in-nies m'għandhomx min jista' jikkurahom. Għalhekk Fr Raymond ħass li jista' jgħin lin-nies tiegħu kemm spiritwalment kif ukoll materjalment jekk isir tabib, Bil-barka tal-isqof waqt li kompla bil-missjoni tiegħu bħala sacerdont, huwa studja u iggradwa bħala tabib.

Illum Fr Raymond iservi fl-aktar zoni foqra ta Iquitos. Bil-ftit riżorsi u medicina li jkollu jista' jgħin lil foqra li m'għandhomx biex iħallsu għall-kura.
Fr Raymond ħass il-bżonn  li jiftaħ dar għal persuni li huma morda bl-AIDS marda li hi mistkerra ħafna u li l-persuni li jimirdu biha ħafna drabi jispiccaw abbandunati mill-familjari tagħhom stess. Id-dar 'Algo bejo Para Dios' iżżomm fiha madwar għoxrin pazjent. Jingħataw il-kura u l-imħabba li tistħoqq li kull bniedem.

Fl-istess parrocca fetaħ dar bl-isem ta '***Talita Kumi'*** li tgħin persuni li għandhom problema ta droga. Dan kollu jista' jagħmlu bil-għajnuna ta benefatturi Għawdxin u Maltin.

Sentejn ilu  fetaħ ukoll dar oħra bl-isem ta' Betanja li jilqa fiha persuni li ma jkollomx fejn jorqdu għal matul il-lejl. Jingħataw ikla u sodda nadifa fejn ikunu jistgħu jorqdu.

Minbarra dan Fr Raymond jaħdem fl-isptar u fil-ħabs bħala qassis. Jgħallem ukoll fis-seminarju ta' Iquitos u anke fl-Universita. Il-parocca hija attiva ħafna u hemm ħafna lajci impenjati fil-ħidma fost il-poplu. Is-sena l-oħra il-parrocca ta San Martin De Porres rat l-ordinazzjoni ta' sacerdot wild l-istess parrocca Padre Agostin – li ta' min jgħid li Fr Raymond kien li

għammdu, għamillu il-Grizma u akkompanjah fil-formazzjoni għas-sacerdozju.

Minbarra l-aspett spiritwali l-parrocca ta Fr Raymond toffri għajnuna socjali u edukattiva. Din tinkludi ikla kuljum b’xejn għal familji li huma foqra. Servizz ta librerija għat-tfal u zgħazagħ, servizz b’xejn ta dentist u klinika. Fil-parrocca hemm ukoll skola ta bil-lejl fejn iż-żgħazagħ jiġu mħarrġa f’ħiliet li jistgħu jgħinuhom jaqilgħu l-għejxien tagħhom. Din is-sena Fr Raymond ingħata Ġieħ Iquitos bħala rikonnoxximent għal ħidma li qed iwettaq favur il-fqar ta’ Iquitos.

Ta’ kull sena Raymond jiġi izur lil familja tiegħu, u anke lil poplu kollu tan-Nadur, fejn barra li jservi lil istess poplu għal xahar f’dak li huwa qadi spiritwali, ikun jista’ jaqsam magħna l-esperjenzi missjunarji li jgħaddi minnhom, u jagħti rendikont fejn qed jiġu investiti l-għotjiet kollha li b’tant ġenerozita jagħtuh il-benefatturi Għawdxin u Maltin.

Fl-istess waqt il-kommunita Nadurija  tħoss li Fr Raymond, wild l-istess kommunita, qiegħed ikun l-ambaxxatur tagħha fil-ħidma missjunarja – ħidma għal qalb ħafna il-poplu Naduri. Kien għalhekk li f’din is-sena iddedikata lil volontarjat, il- kunsill Lokali flimkien mal-kumitat għal-premju Ġieħ in-Nadur qed jonora lil Fr Raymond b’dan il-premju.